# IL-VIJA SAGRA (1)

Kull nhâr ta' Ġimgħa, fit-tlieta sew, wara nofs inhâr, iddoqq il-qanpiena tad-Dejr il-Kbîr ta' San Salvatûr, f'Ġerusalem, u għadd ta' Rħieb Franġiskâni joħorġu minn bieb id-Dejr, fejn ikun hemm ġliba nies jistennewhom fit-triq, barra. Dawn,



*Jûsef, il-Qawwâs tarRħieb Franġiskani, li jimxi quddiemhom kull imkien meta joħorġu bħala proċessjoni barra mid-Dejr. Jûsef hu Mislem. Hu raġel sewwa ħafna. Darba l-Qoptîn qasmulu rasu b'daqqa ta' ġebla minn minn fuq il-bejt tad-Dejr tagħhom, waqt il-Vija Sagra, fid-IX Stazjon, meta ħabtu għal Franġiskani, u dam ħafna l-isptar.*

imbagħad, flimkien jimxu wara l-Qawwâs (2), li jħabbat fuq l-art bid-debbusa bit-tarf tal-ħadid u r-ras tal-fidda, li jkollu maħkuma f'idu, u u fl-imkien imorru lejn l-iskôla tal-Misilmîn, imsejħa mill-Għarab ta' hemm Dejr Bilât (jġifieri d-Dejr ta' Pilatu) fejn qabel kien kwartier tas-sùldati Torok, mibni fuq il-fdâl tal-Fortizza "Antonia."

Meta jaslu hemm jidħlu ġewwa, Rħieb u nies, u joqogħdu għar-rkubtejhom, waqt li Râħeb Franġiskan jaqra b'leħen għoli l-ġrajja tal-Ewwel Waqfa, jew *Stazzjon*, tal-Vija Sagra. Imbagħad flimkien jgħîdu Missierna Sliema u Glorja, waqt li l-Misilmîn li jkûnu hemm fl-iskôla, jieqfu jħârsu bil-qîma, bla ma jitkellmu. Wara dân ir-Rħieb u n-nies joħorġu barra u jerġgħu jimxu mat-trîq li ġew minnha, għan-naħa tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu.

Ma' tul it-trîq, huma u sejrin lûra, minn waqt għal waqt, jieqfu quddiem xi biċċa kolonna, jew xi naqra ta' kappella, jew xi ħaġra mibnija fil-ħajt b'xi tinqîxa fiha, u joqogħdu għar-rkubtejhom. Ir-Râħeb jaqra l-ġrajja tal-Waqfa, u jgħidu Missierna Sliema u Glorja, bħal ma għamlu l-ewwel darba.

Imma hawn ta' min isaqsi: "Jewilla l-Franġiskâni jidhrilhom, meta jagħmlu l-Vija Sagra, li qegħdin jimxu l-mixja nfisha, sewwa-sew fejn imxieha Ġesù mgħobbi s-salîb?"

Jekk tkûn hemm, magħhom, aktarx li taħseb li iwa, għax ir-Râħeb li jaqra, jgħîd f'kull Waqfa: "HAWN Ġesù kien mgħobbi s-salîb... HAWN waqa' l-ewwel darba... HAWN iltaqa' m'Ommu l-Għażiża..." Imma l-fehma tal-Franġiskâni ma hix din. Għali-

hom il-kelma "Hawn" għandha tifsir wiesa' aktar milli dâri jista' jinħaseb; bħal ma fil-Knisja ta' San Mark ta' Venezja hemm miktub "HIC Baptizatus est Xristus" (HAWN tgħammed Kristu) waqt li kîf jaf kulħadd Kristu tgħammed fix-xmâra tal-Ġordân fil-Palestîna, mhux fil-knisja ta' San Mark f'Venezja. U fl-Arazzi ta' Bayeux hemm miktub: "HIC dederunt Haroldo coronam" (HAWN taw il-kuruna lil Haroldu), u: "HIC Episcopus cibum benedicat" (HAWN l-Isqof ibierek l-ikel), fejn il-kelma "HIC" tfisser x'hemm fix-xbieha, m'hux x'ġara f'dak l-imkien. Barra minn dan, il-lùm magħrûf sew li kemm il-waħda mill-Waqfiet jew *Stazzjonijiet* tal-Vija Sagra ta' Ġerusalem, inħalqu m'ilhomx ħafna, u ma nħalqux min-nies ta' hemm, imma min-nies tal-Ewropa.

Għal ħabta tas-Seklu Erbatâx, il-Franġiskâni qabdu jsieħbu huma liż-żawwarîn fl-Art Imqaddsa; u f'Ġerusalem kienu jibdew il-mixja mid-Dejr ta' Sijon fejn kienu jgħammru huma u jerġgħu għal hemmhekk wara dawra kbira. Għalhekk lil dawn iż-żjarat kienu jgħidulhom bit-Taljan: *Lo santo circolo*, jiġifieri: d-dawra l-qaddisa (3) għax il-għan tagħha kien li ż-żawwarîn (a): jaraw l-Imkejjen Imqaddsa kollha mxerrdîn mal-belt; (b): jaqalgħu l-maħfriet jew Indulġenzi li kien hemm fihom, u (c): jaħsbu fuq il-ġrajjiet għeżież li jfakkru dawk l-Imkejjen. Imħabba f'dan u wkoll biex il-Misilmîn ma jinbxuhomx, il-Franġiskâni kienu jieħdu liż-żawwarîn għad-dawra mqaddsa qabel is-sebħ, meta l-Għarab ikunu għadhom rieqda, għax hekk ma kienx ikûn hemm x'itellifhom fil-ħsiebijiet qaddîsa, billi ma jarawx dak il-lbies għarîb tal-Għarab anqas jisimgħuhom jitkellmu, anqas jistagħġbu bi drawwiet li ma kienux jarawhom fl-Ewropa.

Fost dawn il-Waqfiet li l-Insâra kienu jagħmlu ġewwa Ġerusalem kien hemm uħud li jfakkru fit-tbatija jew Passjoni ta' Ġesù; bħalli kieku; fejn tawh il-qada tal-mewt; fejn għabbewh is-salîb; fejn waqa' l-ewwel waqgħa, fejn iltaqa' m'Ommu Marija u dan. U dawn baqgħu miżmuma f'moħħ iż-żawwarin, l-aktar għax il-Franġiskâni li kienu jdawwruhom, kienu jsemmuhomlhom fuq l-imkien li ġraw, fil-belt Imqaddsa ta' Ġerusalem. Għalhekk m'hux ta' min jistagħġeb li meta dawna ż-żawwarin reġgħu lejn pajjiżhom, għamlu t-tifkira ta' dawk il-Waqfiet ġewwa l-knejjes tagħhom, biex jerġgħu jħossu dik il-għafsa ta' qalb li ħassew darba f'Ġerusalem. Hekk ġara meta bennejja twajba bnew knejjes żgħar bħal dik ta' San Vivaldu, qrib Volterra fit-Toskâna, li fiha xi tnaxer Waqfa, u f'Monte Varallo (4). U fi nħawi oħra, Nies oħra fakkru l-ġrajja tal-Passjoni billi ġabruhom flimkien f'kotba tal-knisja bit-tifsîr tagħhom. Ma għandniex ninsew li dawna n-nies ma kellhomx min jindaħlilhom x'kellhom jagħżlu minn dawn it-Tifkiriet Imqaddsa, għalhekk il-għadd tal-Waqfiet għamluh aktar kbir milli kien f'Ġerusalem. Wara ftit, imma, qablu flimkien li jkun hemm erbataxer Waqfa fil-Vija Sagra, li mogħnija u megħjuna bil-ħalla u l-Indulġenzi tal-Papiet, ingħoġbot u seħħet. Uħud mill-Waqfiet kienu jfakkru ġrajjiet imsemmija fl-Evanġelji, bħal qada tal-mewt ta' Ġesù u r-refgħa tas-salîb minn Xmun il-Kirjâni u l-laqgħa ta' Ġesù man-nisa ta' Ġerusalem; u oħrajn ma kenux; imma

ddaħħlu wkoll jew għax kien hemm xi ftit tal-għidût fuqhom f'Ġerusalem u ntesa, jew qalgħuhom minn żniedhom l-Insâra nfushom, għal ħniena li kellhom lejn Ġesù fil-Passjoni, bħala ħâġa li setgħet saret.

Waqt li fl-Ewropa għal ħabta tal-aħħar tas-Seklu Sittax l-Insara waslu f'xi qbîl fuq il-Vija Sagra, ir-Rħieb Franġiskàni f'Ġerusalem kienu għadhom idawwru liż-żawwarin mas-"santo circolo", bħal ma kienu jagħmlu qabel. Il-Waqfiet, hemmhekk, kienu wkoll erbatax, imma ma kienux kollha jaqblu mal-Waqfiet tal-Ewropa, għal dak li hu tfakkîr tal-ġrajja. Għax fil-belt ta' Ġerusalem, kienu miżura fost dawk l-erbataxer Waqfa: id-dar tal-Għâni l-Wikkiel; l-Iskola tal-Madonna u l-Bieb ta' Ġerusalem, minn fejn għadda Kristu; li ma kellhomx x'jaqsmu mal-Passjoni. Waqt li kienu jitħallew barra oħrajn: żewġ waqgħat ta' Ġesù (5), u fejn mesħitlu wiċċu l-Veronka (6).

Ħâġa li tiġi minnha, li żżawwarîn tal-Ewropa li kienu jmorru Ġerusalem, malajr kienu jintebħu b'din il-bidla, għalhekk kien meħtieġ li dilgħażla titneħħa, u t-Tifkiriet ta' Ġerusalem u tal-Ewropa jsîru bħal xulxin. Hekk inħaseb li l-aħjar ħâġa li ssîr tkûn li jiżdiedu t-Tifkiriet il-ġodda tal-Ewropa, bejn l-Ewwel u l-Aħħar Waqfa ta' Ġerusalem, jiġifieri bejn Dejr Pilâtu u l-Kalvarju, u jitneħħew dawk li ma kienux jinsâbu fil-Vija Sagra tal-Ewropa. Dana sar qajl-qajl, u kien mitmum għal kollox għal ħabta tal-bidu tas-Seklu Tmintâx u baqa' hekk sa żmienna.

Nistgħu ngħîdu li t-tidħîl tal-Waqfiet il-ġodda, kien imqiegħed sewwa, u ttieħed ħsieb ta' xi rqaqat li huma tajbin wisq biex aktar tinżamm filmoħħ il-ġrajja li tfakkar il-Waqfa. Bħalli kieku il-laqgħa ta' Ġesù m'Ommu Marija tqêgħdet qrîb mużajk qadîm, li fih tinsâb ix-xbieha ta' żewġ qiegħan żgħar ta' sandli jew papoċċ, li huma qegħdîn sew biex jixegħlu l-ħsieb li hemm waqfet il-Madonna kif kien għaddej Binha Ġesù, meta ltaqgħet miegħu. Il-ġrajja ta' Xmûn il-Kirjâni li rafa' s-salîb ta' Ġesù fil-bidu tat-telgħa, fejn jiltaqgħu tliet toroq: trîq minnhom tiġi minn Bâb il-Għamûd fejn isîr is-sûq, biex bħalli kieku jidher li dan ir-râġel reffiegħ, kien ġej minn refgħa, jew kirja, kif hu miktub fl-Evanġelju (Matt. XXVII, 32, u par).

Mela: la darba hu magħrûf kif inħalqu u kif tbiddlu il-Waqfiet tal-Vija Sagra f'Ġerusalem, għandu jkun magħruf ukoll is-siwi ta' dik il-kelma "HAWN" li tingħad f'kull Waqfa. Il-kelma "hawn" trîd tfisser: *Hawn, f'dan l-imkien, nifta-*



*Ġerusalem — Biċċa mill-Mużajk qadim li hemm taħt il-knisja tal-Armeni Kattolki, fil-Waqfiet III u IV. Fil-mużajk jidhru x-xbiehat ta' żewġ qiegħan ta' papoċċ jew qorq żgħir, li jinħaseb li huma tifkira ta' fejn waqfet il-Madonna, meta rat għaddej lil Binha Ġesù mgħobbi s-salib.*

*kru...* jew *inġîbu quddiem għajnejna, kif Ġesù waqa' taħt is-salîb;* jew, *kîf Ġesù ltaqa' m'Ommu Marija,* jew: *kîf Xmûn il-Kirjâni rafa' s-salib ta' Ġesù....*

Imma xi ħadd hawnhekk jixtieq jaf: "Jekk f'xi Waqfiet naraw xi kappella, u b'hekk nifhmu li huma meqjuma, u bħalli kieku *mitwemmna* mill-knisja; nistgħu nifhmu dan ukoll fuq il-Waqfiet l-oħra kollha tal-Vija Sagra?"

Aħna nistgħu nkunu *moralment ċerti* mill-Waqfiet tal-aħħar, li huma semmija jaqblu sew ma' dak li hemm miktub fl-Evanġelju.

Għal dawk li huma l-ewwel Waqfiet, il-lûm, il-għorrief qishom kollha jaqblu li huma minnhom, għax qishom kollha jemmnu li l-Pretôrju, jew Qorti ta' Pilàtu, nhar il-mewt ta' Ġesù kien fil-Fortizza "Antonia". Tas-sew li fl-Evanġelju m'hux miktûb fejn kien sew il-Pretôrju, u hu minnu wkoll li l-fehma ta' fejn kien, fi żmien il-Biżantini, ma hix ċara; u li s-Salibijin, jew *Crociati* kienu semmew *Via Dolorosa* trîq li kienet tibda



*Ġerusalem — L-Ewwel Waqfa, jew "Stazjon" tal-Vija Sagra, ġewwa l-Fortezza "Antonia", li llum magħmula skola tal-Misilmin.*

l-Blâta tal-Kalvârju u l-Qabar Imqaddes. Dawn ħadd ma jista' jaħseb li m'huniex minnhom mingħajr ma jidneb dnub ta' *temerità* (dnub ta' meta wieħed jaħseb ħażîn bla raġûni) għax ix-xnija, jew *tradizzjoni,* fuq dawn l-imkejjen hi qadîma għall-aħħar u ewlenija, u l-imkejjen im-mit-Tempju. Imma l-għorrief tal-lum li jgħidu li l-Pretôrju kien fil-Fortizza "Antonia", għandhom raġunijiet tajba biex jemmnu dan. L-ewwelnett jissemma fl-Evanġelju ta' San Ġwann (XIX, 13) li fil-Pretôrju kien hemm naħa jgħidulha *Lithostrotos* bil-Grieg, u Gabbâta bil-Lhudi; żewġ

ismijiet li joqogħdu tajjeb għal Fortizza "Antonia" fejn għadu jidher sal-lûm misraħ kbîr ġmielu miksi bil-ħaġar kbîr (lithostrotos), u wkoll bħal għoqba żgħîra tal-blât, li bl-Arami, jew Lhudi ta' dak iż-żmien, joqogħdilha tajjeb l-isem ta' Gabbâta. Barra minn dan, magħruf li ġie li nqata' l-qada tal-mewt ġewwa dil-Fortizza; u billi qegħda fil-għôli, qegħda tajjeb wisq biex il-Ħâkem Rumân jgħasses minnha fuq il-bitħa



*Ġerusalem — L-aħħar Waqfa tal-Vija Sagra: il-Qabar ta' Kristu (fuq il-lemin tar-ritratt) ġewwa l-Bażilka ta' Kostantinu.*

tat-Tempju fejn kienu jsîru l-aqwa ħafliet jew *ċerimonji* tal-Għid il-Kbir tal-Lhûd, u minn fejn kemm il-darba kien jibda t-tixwîx.

Hekk, mela, la rajna ż-żewġt itrûf, it-tlûq u l-wasla, tal-mixja ta' Ġesù għall-mewt, m'hix ħaġa tqila li naslu minn tarf għall-ieħor bit-triq tal-Vija Sagra ta' Ġerusalem tal-lûm. Għalhekk ftit jista' jgħarra min jemmen li t-trîq tal-Vija Sagra tal-lûm hi dik infisha li mexa Ġesù fl-aħħar siegħât ta' ħajtu, jew qrîb tagħha sewwa.

Issa, l-aħħar kelma hi din: m'hux biex nimxu t-trîq infisha li mexa Ġesù fit-toroq ta' Ġerusalem, issîr il-Vija Sagra; imma biex naħsbu sew fûq dik il-mixja ħarxa Tiegħu, li ħaditu għall-mewt fuq is-salîb, biex jeħles lilna mid-dnub. Għan ieħor hu l-qliegħ tal-maħfriet, jew *indulġenzi*. Imma l-aqwa ħâġa hi dejjem dîk li nitgħallmu minn Sidna Ġesù, li f'kollox, saħansitra fil-mewt, tkun kemm tkun ħarxa, norbtu reditna ma riedet Alla, għax dik l-aqwa glorja li jista' jingħata minna, għax hi xhieda li aħna f'kollox qaddejja Tiegħu.

---

(1) Qegħdin inġbu hawn, bil-Malti, dil-kitba, tajba u ċara, minn fuq ir-

Rivista' "La Terra Santa", ħarġa ta' Lulju 1961, imxandra mill-Franġiskani ta' Ġerusalem, miktuba minn Patri Bagatti, li hu Arkeologu tajjeb, u kif jgħid min jafu, wieħed mill-aktar Franġiskâni ta' ħajja qaddisa li hemm f'Ġerusalem. Fiha naraw kif issawwret il-Vija Sagra, u x'hemm fiha *ċert*, u x'hemm *probabli*, u x'hemm *biss jista' jkun.* F'Malta hawn ħafna nies li għal ehom il-ħwejjeġ tar-Reliġjon kollha xorta waħda: kollha dommi tal-Fidi. Jekk dil-kitba tiġi f'idejn xi ħadd minn dawn n-nies, ta' min jittama li jiftaħ ftit għajnejh, u tagħmillu xi naqra tal-ġid.

(2). Qawwâs huwa bħal għassa personali ta' xi ras kbira, u fi żmien it-Torok kellu awtorità kbira mogħtija lilu mis-sultan ta' Kostantinopli. Il-lum għadu miżmum mill-kbarat ta' Ġerusalem — Patrijarki, Latin u Ortodoss u Armen, Konslijiet, il-Kustodju tat-Terra Santa, u hekk — aktarx bħala żina, għad li kelmtu għadha mismugħa daqs ta' Pulizija.

(3). "Via Sagra" u "Santo Circolo" ifissru qishom ħaġa waħda. "Via", hi mixja, jew dawra, u "circolo" dawra wkoll. Il-kelma "Via Crucis" li jgħidu l-lum, hi aktar imwaħħra minn "Via Sagra". Il-kelma "Vija Sagra", hawn Malta drajnieha aktarx mir-Rhieb li dari kienu jiġu spiss mit-Terra Santa u jgħaddu hawn, u tfakkar iż-żmien meta l-Franġiskâni kienu jsejħu b'dan l-isem id-dawra tal-Imkejjen Imqaddsa kollha ta' Ġerusalem, m'hux tal-Passjoni biss.

(4).Fuq Monte Varallo hemm Bażilka ta' Santa Marija u 43 kappella imxerrdin fuq il-għolja. Il-bidu ta' dawn il-kappelli kien bdieh il-Franġiskan Patri Bernardinu Caimi, minn Milan, li kien Gwardjan tal-Qabar ta' Kristu mis-sena 1477 sal-1478. Fis-sena 1481 raġa' lejn l-Italja u ried jagħmel bħal Ġerusalem ġdida, bl-Imkejjen Imqaddsa tat-Terra Santa. Il-Papa ta' dak iż-żmien, Innoċenzju VII taħ il-ħalla għal dan, bil-miktub, fis-sena 1486. Beda x-xogħol tal-kappelli, kull kappella tfakkar xi ġrajja mill-Ħajja u l-Mewt ta' Ġesù, bi statwi ġewwa fiha u pitturi mal-ħitan. Fis-sena 1523 ix-xogħol waqaf, imma raġa' nbeda fis-sena 1560, aqwa milli kien isir fi żmien P. Caimi. Ħeġġeġ biex isir dax-xogħol il-Kardinal San Karlu Barromeo, li mar darbtejn biex jara b'għajnejh, fuq dik l-għolja — darba fl-1578 u larb'oħra fl-1584, u ħareġ għal dax-xogħol somom ta' flus kbar. Wara San Karlu baqgħu jgħinu dax-xogħol in-neputi tiegħu Federiku Barromeo, id-Duka ta' Savoja, Karlu Manwel I, u l-Isqof ta' Novara, Karlu Bescapè (1593-1615). Sal-lum għadhom imorru jżuru s-Santwarji ta' Monte Varallo ħafna nies. Fuq il-knisja ta' San Vivaldu u nħawi oħra tal-Italja fejn kienu mtennija l-Imkejjen Imqaddsa tat-Terra Santa, ara l-ktieb "The Church of the Holy Sepulchre", ta' George Jeffery (1919), faċċata 195; u ara wkoll kif it-Taljani darba ħabtu jaqalgħu l-Qabar ta' Kristu, kif inhu mħaffer fil-blat, u jeħduħ l-Italja, bil-permess tal-Emir Mislem Faħar-id-Din, fl-1608 (faċċata 35).

(5). Għall-ewwel, f'Ġerusalem, l-imkien ta' waqgħa waħda ta' Ġesù kien magħruf u kien barra, fin-naqra ta' misraħ, jew bitħa quddiem il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Ara wkoll il-ktieb ta' Jeffery, imsemmi fuq, faċċata 96.

(6). Il-ġrajja tal-Veronka ma hix imsemmija anqas fl-Evanġelju Apokrifi, imma setgħet ġrat tassew fil-ħin li Ġesù waqaf ikellem lin-nisa ta' Ġerusalem, kif inhu miktub fl-Evanġelju ta' San Luqa (XXIII, 27), u hemmhekk ukoll sata' ra lil Ommu Marija, qalb dawk in-nisa. (In-noti kollha tad-Direzjoni ta' dan il-Qari).

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Id-dgħif jidħol emir, joqgħod jasir, u jitlaq ħaqir.* "Dgħif" tfisser dak li jmur joqgħod f'dar ħadd ieħor. Lil dan malli jidħol kull ħadd idur bih, għax għadu ġdid; meta jidrawh, ikollu jieħu dak li jagħtuh, bħala lsir; meta joħroġ ikun imnikket għax ħela l-flus, u ħaseb ħaġa u sab oħra.

*Itgħallem il-qadab menn qalil il-qadab.* Itgħallem l-imġieba tajba minn dak li għandu ftit imġieba tajba. Jiġifieri, trid titgħallem spejjes ta' ħadd ieħor, tara d-deni tal-oħrajn biex titgħallem taħarbu.